MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 579/2005

**V.J. Salomone (Consumer Line) Ltd (C26986)**

**Vs**

**Sant Jesmond ezercenti l-kummerc bl-isem "Save & Smile Discount Store" u b'digriet tas-26 ta' April 2005, giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Rita Sant.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1499.99 (elf erba` mija disgha u disghin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess skond prospett hawn

anness bhala Dok A kif ukoll skond agreement iffirmat mill-konvenut hawn anness bhala Dok B ghall-iskop ta' kompetenza l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici tnaqqas ghall-elf erbgha mija u disa u disghin liri Maltin u disa u disghin centezmu (Lm1499.99) minn ammont akbar ta' elf disa mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1961.80).

Ra r-risposta ta' Jesmond Sant fejn inghad:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici hekk kif dedotti kontra l-eccipjent Jesmond Sant inniffsu huma infondati stante li d-dejn allegat mis-socjeta` attrici semmaj huwa dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghaldaqstant ikun opportun jekk tigi kjamata in kawza il-mara ta' l-istess eccipjent u cioe Rita Sant.
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz fit-talba attrici ghandu jigi ridott stante li s-socjeta` attrici kienet irkuprat fil-pussess taghha xi xoghol li huwa msemmi fl-avviz de quo.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta ta' Rita Sant fejn inghad:

Illi l-eccipjenti m'ghandhiex u qatt ma kellha ebda rapport guridiku tas-socjeta` attrici u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sussidjarjament u f'kaz ta' ezitu negattiv tal-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti tirrizerva d-dritt illi tikkontrolla l-ezistenza u l-kwantum tal-pretensjoni attrici mill-provi eventwalment rekkolti minn dina l-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi is-socjeta` attrici qed tirreklama prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata fis-"Save and Buy Discount Store" gestit miz-zewg konvenuti. Kien hemm bilanc dovut, gie ritornat ammont minnhom kif jindika a fol 29 et seq tal-

process u l-bilanc meritu tal-kawza ghadu ma thallasx. Kien gie miftiehem li l-istess jithallas ratealment settiminalment ai termini ta’ ftehim esebit a fol 3 tal-process u dan baqa’ ma thallasx.

Il-konvenuta qed teccepixxi pero` illi d-dejn ma jappartjenix lilha peress li n-negozju kien jigi gestit mill-istess konvenut u hi kienet semplicement tmur fuq il-post tax-xoghol biex tiehu hsieb il-kontijiet, tipprepara l-pagi tal-impjegati u taghmel depoziti bankarji.

Illi l-artiklu rilevanti tal-Kap 16 jirrigwardja l-amministrazzjoni o menu tal-komunjoni tal-akkwisti specjalment f’atti straordinarji illi jinvolvu meta kreditur ikun irid imexxi sabiex jigi rifuz l-ammont li hu dovut bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata.

Illi l-mara tallega illi l-ammont huwa dovut mhux minnha izda mir-ragel taghha in vista tal-proceduri anki ta’ separazzjoni li kienu qed jaghmlu bejn il-partijiet ossia l-konvenuti odjerni.

Illi t-Tribunal jirribadixxi li din hija sitwazzjoni komuni hafna illi negozju ta’ familja ossia azjenda kummercjali, ir-ragel imexxi kollox hu u ma jinvolvi xejn il-mara tieghu izda meta jinqala’ l-inkwiet specjalment dak matrimonjali bejn il-partijiet, ir-ragel dejjem jinvoka illi d-dejn ukoll ikun nofs dovut mill-mara tieghu.

L-emendi dwar l-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti u tan-negozju donnu ma anticipatx tali sitwazzjonijiet u aktar u aktar meta ma jkunx hemm is-separazzjoni tal-beni formanti parti l-komunjoni ta’ l-akkwisti. Il-ligi f’dan ir-rigward hija cara u il-mara dejjem tigi inkluza fil-proceduri gjudizjarji specjalment dawk civili ghall-otteniment ta’ sentenza ta’ kanomizzazzjoni ta’ kreditu sabiex il-kreditur ma jkollux problemi meta jigi biex jezegwixxi l-istess sentenza.

Illi l-quantum tad-danni u l-ammont dovut ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu in solidum lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm1499.99), spejjez u interessi kif mitluba salv kull azzjoni si et quatenus spettanti lill-konvenuta kontra l-istess konvenut zewgha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------